# IL-QADDEJ RJALI

Ir-re ta' Kamera fl-Afrika kien sultan iebes u kburi, u s-sudditi tieghu kienu jibzghu wisq minnu.

Jum wiehed waqt li kien bilqieghda fuq it-tron tieghu fl-gharix mibni mit-tajn, in-nies sellmulu bhala r-re mghallem tad-dinja kollha u li l-bnedmin kollha kienu qaddejja tieghu. Dan ghogob wisq lis-sultan, imma………

Wiehed ragel minn fost il-folla ghajjat: "Huti kemm tinsabu zbaljati. Ahna ilkoll qaddejja wiehed ta' l-iehor."

Ir-re spolda bil-korla u biza' kbir waqa fuq dawk li kienu quddiem is-sultan.

"Min qal dan il-kliem? U kif min qalu jazzarda jghid li jiena qaddej?" ghajjat ir-re mitluf minn sensih.

"Jiena kont li ghidt dak il-kliem," wiegeb ragel minn fost il-folla, filwaqt li l-folla warrbet u nqasmet fi tnejn, parti marret lejn il-lemin u parti resqer lejn ix-xellug, biex ir-re jara minn kien dak il-pruzuntuz. Kien ragel xwejjah b'xaghru bajda.

"Min inti?" staqsa r-re.

" Jiena jisimni Bubakar. Ma ghandniex ilma fil-villagg taghna u gejt hawn nitolbu biex jithaffer bir."

“Allura inti tallab,” werzaq ir-re.” U madanakollu ghandek il-wicc li tghidli li jiena qaddej.”

Minghajr biza’ Bubakar qallu:” Ahna lkoll naqdu wiehed lil iehor. U jiena lest li nurik dan sal-lejla.”

“Urini, sfurzani li nkun l-qaddej tieghek u jekk turini dan jiena mhux bir wiehed nordna li jithaffer izda tlieta,” weghdu r-re.



Ahna fil-villagg taghna ghandna l-uzanza li mmissu riglejn il-persuna meta naccettaw sfida,” qallu ix-xih. “Hallini mmisslek saqajk. Hawn zommli l-bastun.”

Ir-re ghamel kif qallu, zammlu l-bastun  u hallieh imisslu saqajh.

“Issa tista’ ittini lura l-bastun, o sire,” qallu x-xih filwaqt li ddritta. Ir-re tah lura l-bastun.

“Trid xi prova ohra, o sultan?” qallu Bubakar.

“Prova?” staqsa r-re mistghageb ghal ahhar.

“Inti zammejtli l-bastun meta tlabtek inti roddejthuli lura. Kif ghidtlek li kull bniedem ta’ rieda tajba hu qaddej ta’ ghajru.”

Ir-re baqa’ miblugh bl-inteligenza tax-xih u zamm kelmtu; haffer tlett ibjar.

U mhux biss ghamel dan fil-villagg tax-xih, izda zammu bhala kunsillier tieghu ghal ghaqal li kellu.